

# *Il-160 Sena tal-Knisja ta' Stella Maris u ta' Tas-Sliema*

Kitba ta' Constantine Busuttil

Kappella rurali, ftit irziezet, xi djar ta' sajjieda u ta' villeġġatura, l-aktar ta' nies mill-Belt, imxerdin l'hemm u l'hawn, għelieqi kullimkien u baħar kaħlani mad-dawra. Dan kien il-villaġġ ta' Tas-Sliema 160 sena ilu, illum titbissem tpoġġi flimkien il-kliem villaġġ u Tas-Sliema. Imma hekk kienet Tas-Sliema lejn nofs is-seklu dsatax, illum ftit jiġihom f'moħħhom li din il-belt, li llum hija ġungla tal-konkrete, xi darba kienet hekk.

Kien bil-bini tal-Knisja ta' Stella Maris, li madwarha beda jinbena nukleju tad-djar. Dan il-bini kompla, u fi żmien relattivament qasir kien hemm żvilupp b'ritmu mgħaġġel anke inħawi oħra f'Tas-Sliema. Tant kibret li fl-1880, spiċċat t-tieni l-akbar post f'Malta. Seklu wara nsibu li Tas-Sliema kellha l-akbar popolazzjoni f'pajjiżna.

Tas-Sliema qabel ma nbniet il-Knisja ta' Stella Maris fil-verità bilkemm kont tista' tgħidilha villaġġ għax ma kienx hemm xi ċentru. Anke il-ftit djar li kien hemm, kienu imferrxa. L-uniku post li kien jiġbor fih il-komunità kienet dik li aħna nsibu bħala l-knisja żgħira. Jingħad li l-qassis li kien ser iqaddes, ġieli kien jistenna jgħidulu li kulħadd kien preżenti!!! Imma maż-żmien bdiet tikber il-popolazzjoni u ċ-ċkejjna kappella kienet saret żgħira bin-nies jispiċċaw barra, żgur li ma kienetx xi ħaġa pjaċevoli speċjalment fix-xitwa jew f'eqqel tas-sajf. Kien hawn lin-nies bdew jaħsbu għall-Knisja akbar u dik il-Knisja kellha tkun Stella Maris. U minkejja li din il-Knisja swiet ħafna flus biex inbniet, Missirijietna riedu li wara li fetħet il-bibien il-Knisja li bnew b'tant sagrifiċċji, ġimgħa wara jingħaqdu flimkien jiċċelebraw l-ewwel Festa ta' Stella Maris. Dik l-okkażjoni għall-ewlenija komunità Slimiża fissret li huma kellhom dik il-ħaġa li tiġborhom flimkien u jidentifikaw ruħhom bħala Slimiżi. Ma dik il-Festa ta' Stella Maris ta' 160sena ilu simbolikament twieldet Tas-Sliema, imma biex waslet dik il-ġrajja t-triq taf il-bidu tagħha sekli qabel.

**Id-Devozzjoni lejn Stella Maris f'Tas-Sliema li tmur lura sekli.**

Qabel f'pajjiżna ġie l-Ordni ta' San Ġwann fl-1530, il-Maltin kienu jibżgħu jmorru fl-inħawi ta' Tas-Sliema, għax mhux l-ewwel darba kienu jidħlu l-furbana hawnhekk. Meta ġew il-kavallieri ftit li xejn inbidlu l-affarijiet sakemm inbniet il-Belt Valletta. L-inħawi fejn illum insibu Tas-Sliema kienu magħrufa bl-isem Tal-Qortin. Biss fi żmien mitejn sena mill-Assedju l-Kbir l-inħawi saru magħrufa bħala Tas-Sliema u dan minħabba kif ser naraw mid-devozzjoni lejn il-Madonna. Stella Maris huwa l-isem kif insibuha aħna imma missirijietna kienu jsibuha bħala Il-Madonna ta' Portu Salvu, ftit jafu li l-knisja ta' Stella Maris meta nfetħet l-isem oriġinali tagħha kien "Il-Knisja tal-Beata Maria Verġni Portus Salutis sive Stella Maris". Biex niftehmu bħala meta aħna ngħidu Charlie imma l-isem propju jkun Carmel. Hawn minn jaħseb li l-Knisja Parrokkjali tagħna ġiet dedikata lil Stella Maris għax Tas-Sliema hija mdawwra bil-baħar. Hawn postijiet oħra ddedikati lil Madonna f'pajjiżna mdawwrin bil-baħar u mhux dedikati lil Stella Maris. F'tas-Sliema din id-devozzjoni toħodna lura sekli, sa qabel l-Assedju l-Kbir ta' l-1565. Devozzjoni li saħansitra waslet għall-isem stess ta' Tas-Sliema. Għax fis-seklu sittax l-inħawi ta' beltna kienu magħrufa bħala "tal-Qortin" kien għad fadal biex fid-dokumenti li kienu jiddeskrivu l-akkwati tagħna bħala Tas-Sliema.

Il-bidu ta' din id-devozzjoni tmur sa qabel l-Assedju l-Kbir. Dan beda minħabba niċċa li nbniet fil-ponta tal-Qortin f'post li sar imsejjaħ bħala "Romitaggio di Sta. Maria" minn Kaptan ta' L-Ordni ta' San Ġwann bħala wegħda lil Madonna, meta huwa u l-ekwipaġġ tiegħu ħelsuha minn maltempata qalila. Din in-niċċa kienet ddedikata lil Madonna tal-Vjaġġ it-Tajjeb. Il-kelma Romitaggio tfisser post solitarju b'xejn madwaru. Biex forsi nieħdu ideja kif kienu l-inħawi, qisek illum qed



tara l-kappella ta' San Dimitri fl-Għarb Għawdex, imdawra bl-għelieqi u xagħri. Din in-niċċa eventwalment twaqqgħet mis-suldati ta' Dragut waqt l-assedju. Biss donnu li ma tantx ġabet tajjeb din il-haġa lil Dragut, għax kien hemm li ħalla ħajtu. U l-Maltin bdew issejħu l-post fejn miet, bħala l-ponta ta' Dragut.

Għalkemm in-niċċa ġġarrfet, ma ntessiex li kienet hemm biex tqim lil Ommna tas-Smewwiet. Tant li mill-viżta pastorali ta' Mons Cagliares fis-sena 1615 insibu li saħansitra nbniet kappella "Sta. Maria tal-Qortin fl-inħawi magħrufa bħala ta' Dragut". Mill-atti tan-Nutar Ferdinando Zarb insibu li ċertu Domenico Seychell għamel fondazzjoni sabiex fil-Kappella fit-8 ta' Settembru (Festa tat-twelid tal-Madonna) jitkantaw il-vespri u ssir quddiesa. Filwaqt li matul is-sena kull nhar ta' Sibt tiġi mixgħula xemgħa quddiem l-inkwatru tal-Madonna. Maż-żmien il-kappella sfat abbandunata aktarx minħabba l-fatt li min kien jieħu ħsieba miet jew ma baqgħux jgħixu fl-inħawi. Din il-kappella ġiet ipprofanata u magħluqa mill-Isqof Balaguer fit-23 ta' Marzu 1659. Snin wara l-kappella ġġarrfet għal kollox.



Il-muftieħ tal-Kappella ta' Tigne li jinżamm Fil-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris

Kellhom jgħaddu kważi 60sena u nsibu li nbniet kappella oħra fl-istess lok ta' dik ta' qabilha. Mons Bartolomeus Rull fil-viżta pastorali ta' l-1758 jiddeskrivi l-kappella bħala "Ecclesia BMV Portus Salutis a Sliema". Hawnhekk ta' min jinnota il-konnessjoni ma' l-isem tan-niċċa li ġġarrfet fl-assedju. Mons Rull jgħidilna wkoll li Dun Ŗafel Pirotta kien il-prokuratur tal-kappella. Fatt kurjuż huwa li l-kwadru tal-kappella l-antika baqa' fil-Kolleggjata ta' Sta. Liena f'Birkirkara. Dan joħroġ minn viżta li għamel L-Isqof Alpheran fil-Knisja ta' Sta. Liena fejn jiddeskrivi kwadru tal-Verġni Mqaddsa Marija, li nġib mill-Knisja l-qadima mibnija żmien twil qabel li kienet "in regione del Cortin in loco denominato La punta di Dragut". Mill-viżta ta' Mons Rull għall-ewwel darba jitfaċċa l-isem Sliema. Dan ma seħħx b'kumbinazzjoni? Imma għax il-baħrin huma u ħerġin mill-port ta' Marsamxett kienu jitfgħu ħarsithom fuq il-kappella li kien hemm fuq il-promotorju ta' Tigne u jitolbu lil Madonna, bl-Ave Maria l-aktar talba li kienu jgħidu. Din it-talba nafu li tibda bil-kliem Sliem Għalik u biz-żmien għan-nies dik saret il-kappella tal-Madonna tas-Sliema.

**L-imblokk tal-Franċiżi**

Lejn l-aħħar tas-seklu tmintax il-kappella ġiet inkorporata fil-bini tal-Fortizza ta' Tigne li nbniet fl-1793. B'xorti ħażina din il-kappella ġġarrfet ftit snin wara waqt l-imblokk tal-Franċiżi. Madankollu n-nies ta' l-inħawi għal darb'oħra ħasbu biex jerġgħu jibnu lil Madonna kappella oħra. B'differenza li din id-darba ħasbu biex il-post fejn tinbena l-kappella jkun aktar il-ġewwa minn Tigne, fuq għolja li fuq naħa kien hemm ix-Xatt u fuq l-oħra Għar id-Dud. Din il-kappella tlestiet fl-1803. Din il-kappella nbniet bil-permess ta' L-Isqof Labini, fuq art mogħtija minn Giovanna Salvaloco bl-għan preċiż li tieħu post il-kappella ta' Tigne. Għalkemm aħna llum nafuha bħala tal-Madonna tal-Grazzja, l-isem oriġinali tagħha huwa l-istess bħal tal-kappelli li kien hemm Tigne, jiġifiri BMV Portus Salutis. Fil-fatt mill-Viżta pastorali ta' Mattei fl-1813 jiddeskrivi l-kappella b'dan l-isem u li l-prokuratur kien Xaver Mifsud. Uħud huma ta' l-opinjoni li l-fatt li tissejjaħ tal-Grazzja minħabba li wegħdi li kienu ssiru li kienu jiġu milqugħa, għalhekk għan-nies kienet il-Madonna li taqla' l-Grazzji. Oħrajn jaħsbu bdiet tissejjaħ tal-Grazzja biex ikun hemm distinzjoni bejn il-knisja ż-żgħira u l-ġdida.





Pittura li saret fl-1839, xi 15 il-sena qabel inbniet Stella Maris, jidhru biss il-Knisja ż-żgħira u ftit djar l'hemm u l'hawn, il-bqija ta' Tas-Sliema hija kollha raba'.

Minn viżti pastorali oħra nsibu li din il-kappella kienet tiġi deskritta kemm bħala Portus Salutis jew Sliema, dan aktarx minħabba l-fatt li għan-nies tal-lokal kellhom l-istess tifsira, minħabba ir-rabta bejn il-Madonna u l-baħħara li kienu jitolbuha s-Sliema Għalik.

Kif Semmejna aktar qabel, kien hemm żmien li din il-kappella kienet taqdi sewwa l-ħtiġijiet tan-nies imma hekk kif bdiet tiżdied il-popolazzjoni bdew jinħolqu diversi nkonvenjenzi bin-nies jibqgħu barra. Għall-ewwel kien hemm min kien tal-fehma li titkabbar il-kappella imma minħabba ċertu problemi ma setgħux jagħmlu dan. Għalhekk dwaru l-ħsieb u ddeċidew jagħmlu talba biex tinbena knisja ġdida.

Fid-Data tal-21 ta' Marzu 1851 Is-sinjuri:
Pasquale Sciberras, G. Montano, Gian Battista Schembri, Francesco Busietta flimkien mas-Saċerdot Giuseppe Guglielmi.

Għamlu supplika lil-Isqof għall-bini ta' Knisja ġdida, peress li "l'esistente chiesa della Beata Maria del Buon Viaggio ossia tas-Sliema e troppo piccola". Flimkien mas-supplika ppreżentaw pjanta ta' l-art meħtieġa bil-firma tal-Perit Giuseppe Bonavia.

Wara diversi laqgħat tal-kapitlu tal-katidral fil-15 ta' Lulju 1851 ta l-art li fuqha kellha tinbena l-knisja kif ukoll għamel xi kundizzjonijiet li bihom kien ser joħroġ il-permess. Fosthom li l-Knisja kellha tkun ddedikata lill-Konverżjoni ta' San Pawl, li l-Prokuratur jiġi magħżul mill-Isqof flimkien ma lista ta' oġġetti li bihom l-knisja l-ġdida kellha tkun fornuta.

**San Pawl jew Stella Maris?**

Hekk kif ingħata l-permess twaqqaf kumitat għall-bini tal-Knisja li kien iffurmat mis-Sur G.B. Schembri bħala Segretarju, In-Nutar E. Catania bħala Kaxxier, filwaqt li Salv. Giammalva sovraintendent tal-bini kif ukoll il-Perit Bonavia. Dan il-kumitat beda mill-ewwel jiġbor l-fondi meħtieġa bl-għan li fiż-żmien sentejn jibda x-xogħol.

Il-Kapitlu u l-Monsinjuri riedu lil San Pawl, imma l-Madonna kellha ħsibijiet oħra, donnu dawn l-inħawi ridthom għalija, wara li kienet ilha tħares fuqhom sekli sħaħ. U hekk seħħ. Jidher lis-Slimiżi ma tantx ħadu gost bl-impożizzjoni tal-Katidral li din tkun dedikata lil San Pawl. Mhux nuqqas ta' rispett lejn l-Appostlu Missierna, imma għax huma u ta qabilhom dejjem kienu jqimu lil Madonna ta' Portu Salvu





Eccellenza Revma

Gl' infrascritti Servi Umi di V. E. Rma riverentemente espongono, che l'esistente Vnda Chiesa della B. V. Maria detta del buon viaggio, ossia tas Sliema, fabricata da molti anni nel sito gratuitamente concesso dalla fu Giovanna Salvatore in vigor del Contratto rogato in atti della S. G. Corte il 28 Aprile 1801 attualmente è molto ristretta e limitata, avuto riguardo a quei che ivi dimorano, e concorrono, motivo per cui la maggior parte di fedeli che interviene per la Messa, e per altri esercizj di pietà, è costretta in qualunque siasi stagione non senza grave incommodo di trattenersi nella strada.

Gli Abitanti ed i Concorrenti in quella Contrada, per ovviare al manifesto incommodo; e qualunque disordine che potesse succedere, aveano ideato di ampliare per contribuzione la detta Chiesa; ma per l'esecuzione di ciò osta fortemente da parte dei possessori dello stabile in cui si è fabricata, la già negata concessione del sito opportuno, quale non potrà assolutamente ottenersi senza sostenere una dispendiosa lite. Di più per riuscir regolare detta ampliazione, è necessario che si sfabrichi quasi per intiero detta Chiesa, e così privare in tutto quel tempo la popolazione di quel comodo che attualmente le somministra.

92 Venuti

Venuti ultimamente in cognizione gli Ori di possedere la S. Santa Cattedrale Chiesa una Clausura, quasi dirimpetto la stessa Chiesa detta tal Cadedaal, detenuta in enfiteusi nel suo termine; opinano che in una porzione della stessa dalla parte di Tramontana e Ponente della capacità di mondelli due fabricarsi una comoda nuova Chiesa, con abitazione contigua alla stessa da servire per sua dote dalle contribuzioni che s'incaricano raccogliere, senz' animo di acquistare alcun dritto patronato.

Quindi gli Ori, trattandosi della fabbrica di una nuova Chiesa per pubblico vantaggio, supplicano V. E. Rma che si compiaccia insieme coll' Illmo e Rmo Capitolo, accordare ai medesimi la facoltà di fabricare in una porzione di detta Clausura della Capacità di mondelli due dalla parte di Tramontana e Ponente una nuova Chiesa con contigua abitazione per dote della stessa mediante la contribuzione che s'incaricano di raccogliere, sotto quelle condizioni che si crederanno proprie ed opportune. E della grazia

G. Montanaro

G. B. Schembri

Il-Petizzjoni biex tinbena l-knisja ta' Stella Maris

kif issa f'daqqa waħda kellhom jwarrbuha? Fi qlub tannies, il-Madonna ta' Portus Salutis kellha post speċjali u ma aċċettawx dik il-kundizzjoni. Waqt għawma fejn illum hemm is-Sliema pitch saċerdoti u lajċi qablu li l-Knisja kellha tkun ddedikata lil STELLA MARIS. Il-Kapitlu meta ra li kien hemm qbil anke fost il-qassisin ma għamiliex oppozzizjoni u rebħet ir-Rieda ta' Alla, tal-Madonna u tal-poplu.

Nhar it-28 ta' April 1853, tqieghdet l-ewwel gebla mil-Vigarju Ġenerali W.R. Can. Vincenzo Chapelle u tpoġġew ir-relikwi tat-tnax il-Appostlu u ġiet ddedikata lil BEATA MARIA VIRGINIS PORTUS SALUTIS sive STELLA MARIS. Ftit jafu dan imma l-knisja tagħna l-isem tagħha propju huwa, l-Knisja ta' L-Imbierka Verġni Marija, Kewkba tal-Baħar(Stella Maris).

Minnufih beda x-xogħol u baqa' għaddej sa l-1 ta' Ottubru 1853. Rega tkompla f'Awissu tas-sena ta' wara biex tlesta fit-22 ta' Novembru 1854 bit-tqegħid ta' l-aħħar ġebla ta' l-abside. B'kollox l-ispiża totali tal-bini tal-Knisja l-ġdida



kienet ġiet tiswa' 14000 skudi. Minbarra d-donazzjonijiet tas-Slimiżi, ħarġu l-flus ukoll diversi benefatturi fosthom il-Gvernatur, L-Isqof u s-Soċieta Navigazione Maltese li kienet amministrata mis-Sur Andrea Dimech. Issa li tlesta x-xogħol tal-bini kien hemm il-problema biex il-knisja tintrama b'dak kollu meħtieġ, imma l-flus kienu spiċċaw biss id-devoti tal-Madonna qatt ma jonqsu u mqanqlin mill-imħabba lejn il-Madonna nsibu bosta benefatturi li jintervjenu biex jintlaħaq dan il-għan.

Is-Sur Glormu Tagliaferro irregala l-Kwadru Titulari(li llum insibu fis-Sagristija) xogħol il-pittur Rafaele Caruana. Il-Konslu Lorenzo Farrugia irregala l-kandlieri għat tlett altari tal-Knisja. Il-Kwadru ta' l-altar tal-lemin li kien juri lil San Frangisk ta' Paola xogħol Giuseppe Calleja kien għotja tas-Sur Montanaro. Mentri dak tan-naħa tax-xellug id-dedikat lil San Pawl kien rigal ieħor tas-Sur Tagliaferro, bil-pittur ikun ukoll Raffaele Caruana. Is-Sur Giammalva ta' kwantità ta' ħwejjeġ għall-quddies, mentri l-Baruni Sciberras d'Amico ta' missall bil-leġiju. Il-Konslu ta' Franza Fouchard irregala Kalci tal-Fidda. Saru żewġ konfessjonarji għas-spejjes tas-Sur G.B. Schembri u tal-Viċi Konslu ta' Franza is-Sur Dufour. Filwaqt lis-Sur Ġużi Borg ħa ħsieb jirregala ventaltar bi gwarnic indurat u s-sur Montano lampier sabiħ fil-fidda. Is-Sur Riccardo Iliff irregala ċensier tal-Fidda kif ukoll kaxxa tal-fidda



Il-Kwadru Titulari l-antik, dak li kien hemm meta fetħet il-Knisja 160 sena ilu. Fih tidher il-ponta ta' Tigne, Sabiex ifakkar fir-rabta bejn il-Knisja l-ġdida mal-kappelli li kien hemm f'Tigne.



għall-Ostja konsagrata u fuqha ggib dawn il-kliem "Dono di Riccardino F. Lliff alla Beata Vergine della Sliema" Rigal ta' pjaneta tal-ħarir irrakkmata bid-deheb kien mingħand Is-Sur Emm. Bonavia.

Ta min jinnota li l-kwadru Titulari juri l-Madonna Stella Maris bil-Bambin Gesu f'idejha, fl-isfond tal-Madonna hemm Kewkba kbira tiddi. Taħt il-Madonna hemm Xini jidher diehel fil-Port ta' Marsamxett. Fin-naħa tax-xellug isfel nett jifher il-Forti Tigne. Dan sar sabiex juri r-rabta simbolika u storika mall-Kappelli l-antiki ta' Tigne, li l-knisja l-ġdida ta' Stella Maris kienet kontinwazzjoni tagħhom.

**Il-Ftuħ tal-Knisja u L-ewwel Festa**

B'hekk issa l-Knisja l-ġdida kienet armata kif jixraq ħalli tkun tista tiftaħ għall-kult. U dan seħħ nhar is-Sibt 11 ta' Awwissu 1855, fis-7.00 ta' filgħodu bil-knisja tiġi mbierka mill-Vigarju Generali. Wara qaddes l-ewwel quddiesa dumnikan Patri Majjistru Speranza fejn għamel ukoll diskors ta' l-okkażjoni. Fl-istess jum qaddsu wkoll Dun Ġużepp Guglielmi u Dun Mikiel Spiteri. Fl-istess jum L-isqof Publius Maria Sant ħatar bħala prokuratur tal-Knisja lil Emm. Bonavia.

Xhur qabel l-ftuħ tal-Knisja kien ġie deċiż mill-Kapitlu ta' Birkirkara li l-Festa Titulari ta' Stella Maris tibda tiġi ċċelebrata l-ewwel Ħadd fuq it-tmintax ta' Awwissu(Festa ta' Sta. Liena Imperatriċi.) Għaldaqstant dik is-sena l-ewwel Ħadd fuq Sta. Liena kien d-19 ta' Awwissu. Għal dik l-okkażjoni Is-Slimiżi għamlu l-almu tagħhom kollu sabiex jiċċelebraw dik l-okkażjoni kif jixraq u minn dak li jirrakkontaw il-gazzetti l-Festi rrnexxew tassew.

Il-Festi fil-Knisja kienu bdew bit-Tridu. Mentri f'nhar il-Festa saret quddiesa solenni kantata ikkonċelebrata mill-Kan. Kap. Lwigi Fernandez li għall-okkażjoni kien libes il-mitra. Il-mużika kienet tas-Surmast Vinċenzo Bugeja. Filgħaxija sar l-Għasar minn Dun Ġużepp Carbonese u panigirku minn Dun Guglielmi. Saru wkoll il-Festi ta' Barra fejn il-gazzetti ssemmu gostra fix-Xatt u jiddeskrivu "luminaria brillantissima" u logħob tan-Nar. Jingħaqdu mas-Slimiżi ġew bosta nies mill-Belt Valletta.

**"Fuq il-bjut kollha kien hemm iperpru bnadar ta' kull kulur illi taw ideja ta' moviment u ferħ straordinarju fil-villaġġ kollu"** Hekk jgħidulna l-gazzetti li kienet f'dak il-jum Tas-Sliema fl-ewwel Festa li qatt ġiet iċċelebrata fl-inħawi li xi darba kienu jissejħu tal-Qortin. Wieħed irid japprezza l-isforz kbir li għamlu missirijietna biex issellmu lil-Kewkba tal-Baħar, trid tqis li bdew mix-xejn imma zraw iż-żerriegħa li fi tielet ħadd ta' Awwissu l-Knisja Ewlenija ta' tas-Sliema tiċċelebra lill-Ommna Marija, li ilha thares dawn l-inħawi sekli sħaħ u li r-rabta magħha tiġġedded ta' kull sena. Hemm ukoll tifsira ta' rabta bejn l-imgħoddi u l-preżent, kif ukoll forsi ta' nostalġija ta' Tas-Sliema ferm aktar sempliċi u kwieta. Dik Tas-Sliema li 160 sena ilu bdiet tagħmel l-ewwel passi tagħha biex maż-żmien saret waħda mill-bliet ewlenin ta' pajjiżna.

**Referenzi:**


Lo Assedio Di Malta pp221, 227/8 – Conte Carlo Samminiatelli Zabarella
Atti tan-Nutar F. Zarb 31/10/1631
Viżta Pastorali Balaguer 1644-46
Viżta Pastorali Rull 1758
Viżta Pastotali Labini 1787
Times of Malta 12/8/1978 p10
Tas-Sliema u l-Parroċċa ta' Stella Maris – Maurice Busietta
Il-Banda Stella Maris – Seklu ta' Storja – Herbert Naudi
Tagħrif miġbur mir-Rev. Dun Victor Soler